TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 195/15-F

Maria Gabriella Abela
Vs
Joseph Schembri eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Dickens

Illum, 6 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Ottubru, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet tliet mitt Ewro (€300) rappreżentanti prezz ta' mowbajl li kellu l-ħsara.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' ix-xhieda ta' l-intimat , u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti titlob li jkollha mowbajl ġdid minħabba l-fatt li l-mowbajl l-antik li kellha, kellu l-ħsara. Ir- rikorrenti ħadet dan il-mowbajl diversi drabi għat-tiswija fejn kienet mogħtija mowbajl ieħor sakemm titlesta t-tiswija.

Meta l-partijiet dehru quddiem it-Tribunal dan il-mowbajl kien għadu bil-ħsara pero' waqt is-smiegħ tal-kawża l-intimat sewwa' darba għal dejjem il-problema li kien hemm.

Ir-rikorrenti qegħda titlob ukoll kumpens għal fatt li kienet tħallas ħamsa u għoxrin Ewro (€25) għax kellha kuntratt mall-kumpanija Go p.l.c.

L-intimat issottometta li meta kien hemm bżonn jissewwa dan il-mowbajl dan isewwa u issa ssewwa permanentament.

Għar-rigward sabiex tieħu kumpens talli r-rikorrenti kienet tħallas ħamsa u għoxrin Ewro (€25) bħala kuntratt mall-kumpanija Go p.l.c it-Tribunal ma jarax li għandu jilqa' din it-talba minħabba li kienet tingħata mowbajl ieħor li kellu l-internet ġo fih ukoll. Dan ġie pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba ta l-estenzjoni tal-garanzija billu jgħati sitt xhur oħra mil-lum fuq dan il-mowbajl stante li dam ftit biex jissewwa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti inparte billi jordna l-intimat jagħti garanzija ta'sitt xhur fuq il-mowbajl bl-ispejjes jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**